# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju 2020**

**Rikors Konġunt Numru : 7/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**DC**

**U**

**DD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' DC u DD datat 9 ta' Jannar 2020, a fol 1 tal-proċess, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti iżżewwġu fis-sitta (6) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal Luqa u dana skont l-anness ċertifikat immarkat Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieġ twieldu żewġt itfal, KL u KY, aħwa C;*

*Illi r-rikorrenti isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja datat 23 ta' Jannar elfejn u tlettax ( 2013 ) in atti n-Nutar Krystle Frendo Galea, u kopja tal-istess kuntratt hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B;*

*Illi llum il-ġurnata ma hemm l-ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonċiljaw stante li ilhom għal dawn l-aħħar seba' snin separati minn xulxin. In oltre, illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u addiritura iffurmaw rabtiet oħrajn ma' persuni oħra/familji ġodda;*

*Illi in oltre, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda pendenza bejniethom rigward il-manteniment;*

*Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan, huma qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirraprezenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri ta' ħall ta' żwieġ;*

*Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw pjenament il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ottjeniment tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja l-ħall ta' żwieġ ta' bejn DC u DD, u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom tas-sitta ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u tmenin maħlul ai termini tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**DC** xehed bl-affidavit (Dok C, fol 7) illi huwa sar jaf lil DD meta kellu sbatax-il sena u damu ħames snin għarajjes qabel iżżewwġu. Izzewwġu fis-6 ta' Diċembru tas-sena 1987 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal it-tnejn maġorenni. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-partijiet isseparaw konsenswalment fis-sena 2013. Wara li sseparaw, huwa mar jgħix l-Ingilterra.

Manteniment dejjem tħallas. Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni peress li l-partijiet għandhom relazzjonijiet ma' persuni oħra. Finalment xehed illi huwa jissodisfa r-rekwiziti kollha sabiex iġib id-divorzju.

Illi **DD** xehdet bl-affidavit ( dok D, fol 8) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha DC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Diċembru 1987 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt ulied, illum it-tnejn maġorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Krystle Frendo Galea, datat 23 ta' Jannar 2013 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**